**MINUTI - LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**IT-TMIEN KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 16 – IL-ĦAMIS, 26 TA' MEJJU 2016**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar mis-19:00 sal-21:45.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Graziella Galea | Sindku |
| | Alfred Grima | Kunsillier |
| | Raymond Tabone | Kunsillier |
| | Paul Bugeja | Kunsillier (mis-19:05) |
| | Mandy Buhagiar | Kunsillier (mis-19:17 sat-20:00) |
| | Anne Fenech | Kunsillier |
| | Joseph Vella | Kunsillier |
| | Antoinette Bezzina | Kunsillier |
| | Stephen Cremona | Kunsillier |
| | Daniel Grima | Kunsillier |
| | Paul Gatt | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| | Mary Helen Grima | Skrivana |
| Skużati: | David Thake | Viċi Sindku |
| | Robert Piscopo | Kunsillier |
| *Ma jiflaħx* | Matthew John Barbara | Kunsillier |
| Assenti: | Simone Aquilina | Chairperson KAB |

*Il-laqgħa kienet qed tiġi trasmessa dirett.*

1. **APOLOĠIJI**

1.1. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv (SE) informa li l-Viċi Sindku u l-Kunsillieri Piscopo u Barbara infurmawh li ma setgħux jattendu b'tal-aħħar minħabba li kien ma jiflaħx. Kopji tal-emails annessi f'A.

2. **SOSPENSJONI TAL-LAQGĦA**

2.1. Il-Kunsill qabel li jissospendi l-laqgħa biex ikun jista' jisma' lis-Sur Mark Gatt, resident, li xtaq jagħmel preżentazzjoni lill-Kunsill dwar defibrillator li hu u grupp ta' persuni kienu qed jissuġerixxu lill-Kunsill li jinstalla f'xi post ċentrali. Dan sabiex ikun hemm aktar ċans li tissalva l-ħajja ta' persuni f'każ ta' attakk tal-qalb.

3. **APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

3.1. Is-SE informa li, s-Sur Paul Spiteri, li aġixxa ta' Segretarju Eżekuttiv fin-nuqqas tiegħu, ma kienx laħħaq bagħat il-minuti kmieni biżżejjed u għalhekk il-Kunsill qabel li jkunu ppreżentati fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

4. **PUNTI MILL-LAQGĦA PREĊEDENTI, KOMUNIKAZZJONI U KORRISPONDENZA**

4.1. Dwar il-kwistjoni ta' Triq San Geraldu, intalbet lista ta' aċċidenti lill-Għassa tal-Pulizija iżda dawn jeħtieġu awtorizzazzjoni mill-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija qabel ma jagħmlu dan.

4.2. Dwar iċ-charging pillar li daħlet fuqha vettura il-Kunsill kien infurmat li TM ħa d-deċiżjoni li jixtri waħda mill-ġdid.

4.3. Sadanittant intalbu proposti għal postijiet oħra u kien hemm qbil li jkunu indikati x-Xemxija (fejn il-latrina), fil-parking fejn is-Santana Hotel u Burmarrad (fejn ikun hemm tal-gass).

4.4. Dwar is-siġra imsemmija mill-Kunsillier Cremona il-Kunsill kien infurmat li din is-siġra kienet privata.

4.5. Dwar Triq il-Port Ruman il-Kunsill kien infurmat li din kienet triq skedata.

4.6. Dwar il-*hawkers* inkitbet ittra lill-Pulizija iżda l-Kunsillier Bugeja informa li kien rama l-bejjiegħ taż-żraben.

4.7. Dwar il-*green wardens* il-Kunsill kien infurmat li fil-preżent ir-Reġjun m'għandux allokazzjoni tagħhom.

4.8. Dwar l-applikazzjoni għall-bini ta' *service station* f'Burmarrad il-Kunsillier Tabone informa li kien hemm tliet applikazzjonijiet għal *service stations* f'Burmarrad. Il-Kunsillier D Grima ippropona li qabel il-Kunsill jikkumenta għandu jistenna l-pjanti u n-numri tal-applikazzjoni flimkien ma' dettalji relevanti oħra.

4.9. Kien hemm korrispondenza dwar proposta ta' inizjattiva bl-isem 'L-Ikla t-Tajba' b'mod li din issir f'numru kbir ta' lokalitajiet. Kien hemm qbil li ssir il-laqgħa mal-għaqdiet kif mitlub.

4.10. Is-Sindku infurmat li l-Kunsill ġie mwiegħed €5000 biex jorganizza l-Karnival tas-Sajf. Dan irid isir fi tmiem il-ġimgħa ta' wara l-Festa ta' Santa Marija. Il-Kunsillier A Grima esprima li fl-opinjoni tiegħu f'Awissu mhux żmien tajjeb li jsir.

4.11. Il-Kumitat Festa San Pawl talbu li jagħmlu 14-il toqba għall-arbli ta' qies 20ċm x 20ċm tal-plastik jew tondi bl-istess qies iżda tal-ħadid. Il-Kunsillier Bugeja ġibed l-attenzjoni li jridu jsiru sewwa biex ma jkunx hemm problemi għall-persuni b'diżabilità.

4.12. F'dan il-ħin il-Kunsillier Buhagiar talbet li tkun skużata mill-kumplament tal-laqgħa.

4.13. Fuq proposta tal-Kunsillieri D Grima u Fenech kien hemm li jingħata l-permess bil-kundizzjoni li dawn ma jsirux a skaptu tal-aċċessibilità. Biex ikun żgurat dan għandha ssir laqgħa fuq il-post.

4.14. Il-Kunsill kien infurmat li saret talba biex titħallas il-miżata biex il-Kunsill ikun membru fil-Fondazzjoni Azzjoni Lokali tal-Majjistral għall-perjodu 2014 sa 2020. Il-miżata tinħadem a bażi ta' kemm ikun hemm Kunsillieri bir-rata ta' €500 kull Kunsillier. Għalhekk għall-Kunsill din titla' għal €6500 għall-perjodu kollu ta'

seba' snin. Il-Kunsillier A Grima staqsa dwar il-benefiċċju li l-Kunsill ikun membru u kien infurmat li bħala membru jkun jista' japplika għall-fondi Ewropej mill-fond rurali u li l-Kunsill diġà kien ibbenefika minn fondi fil-passat. L-Aġent SE informa li kienet tqajjmet kwistjoni mill-Awdituri dwar dan f'xi Kunsilli Lokali u għalhekk qed jistenna lid-Direttur li joħroġ direttiva ċara biex il-Kunsilli Lokali ma jkollhomx problemi mal-Awdituri.

4.15. Il-Kunsill kien mgħarraf li intalab permess mingħand Chef Choice biex ipoġġi *bin on wheels* privatament. Il-Kunsill qabel li għalissa l-permess joħroġ għal xahar. Jekk ma jkunx hemm problemi ikun jista' jinħareġ permess għal perjodi itwal.

4.16. Kienet preżentata ittra mingħand l-Iscouts Association dwar tħawwil ta' siġar biex il-Kunsill jidentifika siti għal dan il-għan. Il-Kunsill qabel li jsemmi fejn Triq il-Luzzu ma' Triq il-Qawra iżda jekk ikun hemm Kunsillieri li jkollhom aktar ideat għandhom iressquhom.

4.17. Il-Kunsillier Bugeja semma l-ilmenti tal-KNPD minħabba li hemm bankina fejn l-HSBC li mhux livell. Minbarra din hemm xi tliet postijiet oħra. Il-Kunsillier A Grima ippropona li l-Kunsillier Bugeja għandu jiltaqa' ma' uffiċjali ta' KNPD biex jiddiskuti d-diffikultajiet fil-post.

4.18. Issemmiet ukoll il-problema ta' Triq il-Qroll fejn is-Sindku u l-Aġent SE marru fuq il-post u ħarġu bi proposta. Kien hemm reazzjonijiet imħallta jekk il-Kunsill kellux jidħol fiha u jekk il-proposta kinitx se tkun tajba. Kien hemm qbil għalhekk li l-proposta tkun diskussa mal-Perit u jekk jaqbel li tajba mmexxu.

4.19. Is-Sindku ressqet email mingħand AKL dwar proposta għal ġemellaġġ ma' Orvieto fl-Italja. Is-Sindku infurmat li kellha wkoll kuntatti u laqgħa ma' Sindku minn Palazzolo Aceidi fi Sqallija. Il-Kunsill qabel li jesplora l-possibilità ta' ġemellaġġi.

4.20. Is-Sindku infurmat li kienet waslet korrispondenza mil-Laboratorju tal-Paċi dwar il-Premju Nazzjonali B'Ħilti Wasalt fejn kienu qed jitolbu lil min jixtieq jinnomina persuna għal dan il-premju biex jagħmel dan sat-30 ta' Ġunju.

4.21. Is-Sindku infurmat li hemm bżonn jitħawwlu pjanti ġodda f'pots griżi li l-Kunsill għandu diġà għad-dispożizzjoni tiegħu. Kien hemm qbil li toħroġ sejħa għall-offerti kemm biex jimtlew dawn il-pots kif ukoll biex jitħawwlu f'oħrajn li huma nieqsa jew mejtin.

4.22. Sadanittant il-Kunsill kien infurmat li hemm palma nieqsa ħdejn il-Pitstop Kiosk.

4.23. Il-Kunsill kien infurmat li l-ET il-President tar-Repubblika se żżur l-għaqdiet ta' San Pawl il-Baħar fil-25 ta' Ġunju. Kien hemm qbil li jekk ikun hemm talba biex tiltaqa' mal-Kunsill għandha tingħata tifkira tal-okkażjoni.

4.24. Is-Sindku infurmat li kienet ikkuntattjata dwar banda bl-*isbandieratori* minn Noto Sqallija fejn irranġat biex jiġu jagħmlu wirja (*performance)* fil-Pjazza ta' Bugibba u li l-maġġiranza tal-ispejjeż se jinħarġu mis-sidien tan-negozju.

5. **ĦLAS TA' KONTIJIET**

5.1. Kienet ippreżentata l-iskeda tal-pagamenti.

5.2. Il-Kunsillier A Grima ġibed l-attenzjoni għall-provista ta' ilma bil-bowser fejn esprima li wasal iż-żmien li l-Kunsill joħroġ kuntratt għal dan is-servizz. Kien hemm qbil li ssir sejħa għall-kwotazzjonijiet.

5.3. Inġibdet l-attenzjoni dwar il-kont tal-Paramount għall-ammont ta' €241.90. Dan se jsir indaġni fuqu biex ikun konfermat jekk kienx ta' darbtejn.

5.4. L-iskeda imbagħad kienet approvata u ffirmata. Din hija annessa f'B.

## 6. AUDIT ADJUSTMENTS

6.1. F'dan il-ħin kienu ppreżentati l-*audit adjustment* li pproponew l-Awdituri. L-Aġent SE informa li ftit li xejn dawn l-aġġustament se jagħmlu differenza fuq ir-rapport finanzjarju u kien qiegħed jipproponi lill-Kunsill li jaċċettahom.

6.2. Il-Kunsill qabel li jaċċetta l-aġġustamenti proposti.

## 7. IL-KUNTRATT MA' GREEN MT

7.1. L-Aġent SE informa li sa dak il-ħin kienu għadhom ma bagħtux l-abbozz rivedut tal-kuntratt. Madanakollu kienu saru kuntatti u hu kien wiegħed mill-ewwel però suġġett għall-konferma tal-Kunsill.

7.2. Il-Kunsill qabel mal-kummenti tal-Aġent SE. Sadanittant mistenni li Green MT iwieġbu fuq il-kummenti tal-Aġent SE.

## 8. RAPPORTI MINN BORDIJIET/KUMITATI

8.1. Dwar l-Impjieg ta' skrivan/a il-Kunsill kien infurmat li dawk magħżula laħqu sabu xogħol ieħor. Fil-preżent qed nistennew aktar listi ta' applikanti mill-ETC.

8.2. Dwar l-offerti iltaqgħu is-Sindku u l-Kunsillier A Grima flimkien mal-Aġent SE u l-Uffiċċjal Gloria Debono.

8.3. Dwar l**-offerta għad-disinn, xiri u mmaniġġjar ta' sistema ta' *charging station* u *pedelecs*** il-Kunsill kien mgħarraf li kienu daħlu żewġ offerti, mingħand Nextbike u mingħand LBV Ltd. Il-Kunsill kien infurmat hemm xi affarijiet li jeħtieġ jiġu ċċarati u għalhekk se tissejjaħ laqgħa għal nhar it-8 ta' Ġunju. Kien hemm qbil li possibilment dak inhar stess tintbagħat email lill-Kunsillieri bid-deċiżjoni tal-Bord u jekk ma jkunx hemm oġġezzjonijiet mill-Kunsillieri l-offerta tiġi meqjusa mogħtija lill-offerent preferut.

8.4. Għall-**offerta tal-Periti** kien hemm sitta li tefgħu l-offerta tagħhom. Il-Kunsill kien mgħarraf li l-offerent preferut kien dak bl-irħas prezz, ċoè DTR Ltd. Il-Kunsillier D Grima staqsa jekk il-Kunsill fil-passat kienx kuntent bis-servizzi ta' dan il-perit. Madanakollu l-Kunsillier Tabone ikkonferma li sakemm kien Sindku hu qatt ma kellu problemi bih. Il-Kunsill għalhekk laqgħa l-proposta tal-Bord li jkun magħużul DTR Ltd.

8.5. Sadanittant il-Kunsill kien infurmat li hemm diffikultà biex jiġu analizzati offerti b'mod tekniċi u għalhekk jeħtieġ is-servizzi ta' Perit kemm jista' jkun malajr. Għalkemm il-Kunsill approva l-għażla tal-Perit, il-proċess tal-għażla jeħtieġ aktar żmien biex ikun konkluż u għalhekk il-Kunsill kien mitlub japprova li, sakemm jasal biex jingħata l-kuntratt, l-istess Perit magħżul jintalab joffri s-servizzi tiegħu bl-istess rati offruti fl-offerta. Il-Kunsill qabel.

8.6. Dwar l-**offerta tat-tiswija tat-toroq** kien jidher li l-aktar offerta vantaġġjuża kienet dik ta' Bonnici Brothers. Il-Kunsill qabel li jekk kollox huwa sewwa fl-offerta allura din tingħata lilhom. Dwar dan jintalab il-parir tal-Perit.

8.7. Dwar l-**offerti għal xogħlijiet tal-bankini u proġetti ta' tisbieħ** għandu jintalab il-parir tekniku tal-Perit u sakemm ma jkunux innutati problemi, għandhom jintgħażlu l-irħas li jkunu *complaint*.

8.8. Dwar l-**offerta għas-servizzi ta' Handyman** il-Kunsill kien infurmat li l-Bord għażel l-offerta ta' Sergio Borg minħabba li kien l-irħas offerent. Il-Bord kien qiegħed jipproponi wkoll li għalissa, biex ma jidħolx fi spejjeż addizzjonali, jibqa' jintuża l-vann tal-Kunsill u ma jittiħidx is-servizz tal-handyman bil-vann b'kollox. Il-Kunsill approva. Kien maqbul ukoll li għalissa l-Kunsill jaħdem b'handyman wieħed minħabba li l-Kunsill għandu numru ta' ħaddiema oħra assenjati miegħu li għalihom ma jħallas xejn.

## 9. ĦWEJJEĠ OĦRA

9.1. Saret diskussjoni dwar l-art allokata għall-*bumping cars.* Il-Kunsill kien infurmat li għaddiet komunikazzjoni mad-Dipartiment tal-Artijiet fejn dan wieġeb li huwa tard ħafna biex id-Dipartiment jirtira jew iżid kundizzjonijiet. Huwa informa lill-Kunsill li jekk il-Kunsill kellu oġġezzjonijiet dwar l-allokazzjoni ta' din l-art għandu jinfurmah kemm jista' jkun malajr.

9.2. Il-Kunsillier Fenech infurmat li kienet saret laqgħa fi Triq Sant Antin fil-preżenza tal-Aġent SE fejn kien qiegħed jiġi propost li jittieħdu miżuri temporanji li jistgħu itaffu l-problemi. Hija spjegat li xi wħud minnhom jinkludu l-installazzjoni ta' bollard sempliċi li tista' tinqala u grada fin-naħa ta' fuq. Għalhekk seta' kien hemm xettiċiżmu kemm dawn isolvu l-problemi, il-Kunsill qabel minħabba li l-ispejjeż huma minimi u jekk jaħdmu jkunu ta' benefiċċju għar-residenti.

## 10. TMIEM IL-LAQGĦA

10.1. Fl-21:45 il-Kunsill qabel li jtemm il-laqgħa.

10.2. Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir il-Ħamis 30 ta' Ġunju fis-7pm.

**Graziella Galea**
Sindku

**Paul Gatt**
Aġent Segretarju Eżekuttiv